MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 62/2009

**Emanuel Mercieca**

**Vs**

**Joseph Cauchi**

Din hi kawza ta’ spoll fejn l-attur ippremetta li l-konvenut wettaq spoll meta fis-7 ta’ Awwissu 2009 dahal fil-porzjon raba’ maghrufa bhala Tat-Torba, limiti Sannat, Ghawdex tal-kejl ta’ madwar tlett elef tlett mija u tnejn u sebghin metri kwadri (3,372 m.k.) u b’gaffa li kienet qeghda tinstaq minn persuna ohra qala’ l-wicc li kien mizrugh u harbat il-hamrija. L-attur ippremetta wkoll li r-raba’ hi mqabbla ghandu u jhallas is-somma ta’ €15.14 fis-sena kull 15 ta’ Awwissu. Ghalhekk l-attur talab:-

1. Tiddikjara li l-konvenut wettaq spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenut jirreintegra lill-attur fil-pussess tal-proprjeta' fuq imsemmija billi jerga' jaghmel ir-raba' fl-istat li kienet qabel.
3. Tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex l-attur jaghmel ir-raba' fl-istat li kienet qabel.
4. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel ix-xoghol li hemm bzonn li jsir biex jigi reintegrat fil-pussess tar-raba' ghas-spejjez tal-konvenut.
5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas il-hsara li ghamel b'rizultat tal-ispoll li wettaq.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fil-25 ta' Settembru 2009 (fol. 32) il-konvenut eccepixxa li l-attur irid iressaq il-provi dwar il-fatti li allega u li ma kkommetta l-ebda spoll.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

1. L-attur jikri r-raba' maghrufa tat-Torba, limiti Sannat, Ghawdex li fiha kejl ta' iktar minn tlett itmiem. Hu kien ihallas il-qbiela lil Annunziata Debrincat, pero' gie zmien meta ma bdietx taccetta l-qbiela u ghalhekk beda jiddepozita l-qbiela fil-qorti.
2. Fid-19 ta' Settembru 1997 din l-art inxtrat mill-konvenut permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Kristen Dimech (fol. 34).
3. Permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Mejju 2009 (fol. 47), il-konvenut kien interpella lill-konvenut sabiex jivvaka mir-raba', minhabba li jsostni li ma hallasx diversi skadenzi ta' kera u ghandu bzonn ir-raba' ghal skop agrikolu. Xhur qabel kien baghat ittra (17 ta' Dicembru 2008 – fol. 48)[1] fejn jissemma li l-attur qieghed ihalli l-ghalqa mitluqa u sejjahlu biex *"....titlaq l-ghalqa u taghtihieli lura."*. Il-konvenut xehed li jrid jiehu lura r-raba' sabiex jahdimha.
4. Sal-lum ma saru l-ebda proceduri gudizzjarji mill-konvenut sabiex l-attur jigi zgumbrat mir-raba'.
5. L-attur jallega li fis-7 ta' Awwissu 2009 il-konvenut dahal fir-raba' u permezz ta' gaffa li kienet qeghda tinstaq

[1] Il-qorti fehemet li l-attur ma rceviex din l-ittra (ara Dok. JC21).

minn terza persuna qala’ l-wicc li kien mizruh u qalleb il-hamrija. Il-konvenut cahad l-allegazzjonijiet tal-konvenut. Jirrizulta li parti mir-raba’ kellha wicc, li kien jikkonsisti f’bettieh, dulliegh u tadam. Fir-ritratt a fol. 23 sa 27 jidhru s-sinjal tar-roti tal-makkinarju li ddahhal fir-raba’ biex tqallbet il-hamrija.
6. L-attur jsostni li sofra danni fl-ammont ta’ €400 li jikkonsisti fil-prodott li kien hemm mizrugh, cjoe’ bettiegh, dulliegh, tadam u basal.

L-uniku persuna li tghid li rat lill-konvenut fl-ghalqa waqt li kien qieghed isir ix-xoghol, hu Joseph Mercieca, iben l-attur. Fis-seduta tal-1 ta’ Ottubru 2009 il-konvenut xehed: *“Jien naccerta lill-qorti li ma nkarigajt lil hadd biex imur u jqalleb il-hamrija tar-raba’ in kwistjoni kif jidhru mir-ritratti esebiti a fol. 23 sa 27. M’ghandi l-ebda hjiel ta’ min seta’ ghamel dawn l-affarijiet.”*.

L-elementi ta’ din l-azzjoni huma:-

1. Il-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni;
2. L-ispoll minn dak il-pussess jew detenzjoni;
3. Li l-azzjoni trid issir fi zmien xahrejn minn meta jsehh l-att spoljattiv.

Azzjoni li hi ntiza sabiex tizgura li hadd ma jiehu l-ligi f’idejh.

M’hemmx dubju li l-attur ghandu d-detenzjoni tar-raba’ u jahdimha. Bhala tali ghandu kull dritt li ma jigix turbat fl-ezercizzju tal-posizzjoni tieghu ta’ fatt. Inoltre, l-kawza giet prezentata fl-20 ta’ Awwissu 2009 filwaqt li l-att li minnu qieghed jilmenta l-attur, twettaq fil-bidu ta’ Awwissu.

Id-difensur tal-konvenut argumenta li fuq bazi ta’ probabilita’ l-attur ma rnexxielux jaghti prova ta’ dak li allega u li f’dan il-kaz hemm biss il-kelma ta’ Joseph Mercieca kontra dik tal-konvenut. Fil-fehma tal-qorti dan il-fatt wahdu ma jfissirx li ghandu jwassal lill-qorti biex tichad it-talba tal-attur. Huma hafna dawk il-kazijiet fejn il-qorti tkun trid tibbaza d-decizjoni fuq verzjonijiet opposti ta’ tnejn min-nies. Ghalkemm hu minnu li d-dubju ghandu jigi

rizolut favur il-konvenut[2], min-naha l-ohra kif intqal fil-kawza fl-ismijiet:- **Carmelo Farrugia - vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili deciza fl-24 ta' Novembru 1966:-

*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lil Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola 'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*.

Il-qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-konvenut u lil Joseph Mercieca jixhdu *viva voce*, u hi moralment konvinta li Joseph Mercieca kien qieghed ighid il-verita. Dan ix-xhud kien konsistenti fil-verzjoni li ta dwar dak li gara fis-7 ta' Awwissu. Il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda kien tali li ma jnissel l-ebda dubju f'mohh il-qorti li qal il-verita'. Il-fatt li l-konvenut xehed li fix-xhur tas-sajf hu jorqod wara nofsinhar, ma jfissirx li dan l-att spoljattiv ma twettaqx fuq struzzjonijiet tieghu u fil-prezenza tieghu. Irrizulta wkoll kif il-konvenut kien ilu x-xhur jitlob lill-attur sabiex johrog mir-raba' in kwistjoni. Mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi persuna ohra li fiz-zmien li sehh l-ispoll kienet qeghda tippretendi xi jedd fuq ir-raba' in kwistjoni jew li kienet qeghda taghti xi inkwiet lill-attur dwar ir-raba' in kwistjoni. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' l-qorti tikkonkludi li l-attur irnexxielu jaghti prova li l-ispoll twettaq mill-konvenut. Ghalkemm il-makkinarju li ntuza sabiex titqalleb il-hamrija saqitu terza persuna, dan ma jfissirx li l-konvenut m'huwiex responsabbli. Irrizulta li hu kien prezenti fl-ghalqa u m'hemmx dubju li kien hu li nkariga l-persuna li saqet il-gaffa. Ghalhekk il-qorti hi

[2] **Yolanda Formosa vs Maggur Francis Formosa** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef M. Caruana Curran). Deciza fid-19 ta' Mejju 1964.

moralment konvinta li l-konvenut ippartecipa bis-shih fl-att spoljattiv.

L-attur talab ukoll hlas tad-danni minhabba li nqala' l-wicc li kien hemm fir-raba'. Hu maghruf li kawza ta' din ix-xorta hi intiza unikament sabiex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed kollox fl-istat li kien qabel ma wettaq l-ispoll. Skond l-Artikolu 791(3) tal-Kap. 12: *"Il-qorti* ***ghandha tezamina biss*** *il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt ta' l-ispoll."*. Provvediment li jirrifletti li f'din it-tip ta' azzjoni m'ghandhomx jigu trattati kwistjonijiet li jistghu jtawwlu l-process u jidher li kwistjoni dwar danni m'ghandix tigi trattata f'din ix-xorta ta' kawza. Min-naha l-ohra m'hemmx dubju li min hu hati ta' spoll ikun wettaq att illecitu li jwassal ghar-responsabbilta' civili. Id-danni ghandhom funzjoni accessorja. Madankollu, mill-provi rrizulta li bl-agir illegali l-konvenut wettaq hsara fil-prodott li kien hemm f'dik il-parti tal-ghalqa fejn kien hemm il-wicc. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li f'dan il-kaz partikolari, mehud in konsiderazzjoni s-semplicita' tal-fatti, hemm il-htiega li l-attur jerga' jaghmel proceduri gudizzjarji biex jitlob il-hlas tad-danni. Proceduri li jistghu jfissru biss iktar spejjez u hela ta' rizorsi. Dan apparti l-fatt li m'huwiex possibbli li l-attur jigi reintegrat fil-pussess tal-prodott li kien imhawwal fir-raba' in kwistjoni. Inoltre, id-danni li ser jigu likwidati jirreferu proprju ghat-telf ta' dan il-prodott u mhux ghal xi raguni ohra, ezempju l-hsara minhabba telfien ta' tgawdija ta' dik il-parti tal-ghalqa fejn tqallbet il-hamrija. Ghalhekk il-qorti ser tipprocedi sabiex *arbitrio boni viri* tikkundanna lill-konvenut jhallas danni fl-ammont ta' €233.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u:-**

**1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ghas-spejjez tieghu jirripristina dik il-parti tar-raba' in kwistjoni li nqalbet bl-uzu ta' makkinarju, ghall-istat li kienet qabel. Ix-xoghol ghandu jsir b'tali mod li r-raba' terga' tingieb linvell b'mod li tkun tista' tinhadem mill-attur. Ix-xoghol ghandu jsir fi zmien hmistax (15) il-jum mil-lum.**

**2. Fin-nuqqas ix-xoghol ghandu jsir mill-attur ghas-spejjez tal-konvenut. Tirrizerva li jekk ikun hemm bzonn tinnomina perit tekniku sabiex ix-xoghol isir taht id-direzzjoni u supervizjoni tieghu.**

**3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) bhala ammont ta' danni.**
**Spejjez kollha a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------